MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 657/1997/1

Joseph Mifsud
vs
Chairman Kalaxlokk Construction Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien gie impjegat mad-Dipartiment Xogholijiet Pubblici bhala welder, hu kien iktar tard gie seconded mal-Kumpanija Kalaxlokk jaghmel xoghol ta' Foreman fuq il-kostruzzjoni. Hu dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar reqqa tant li qatt ma kien hemm rapporti hziena kontrieh anzi kien jigi mfahhar mis-Superjuri tieghu.

Illi fis-sena 1988 hu kien obda direttiva tal-Union tieghu, meta rritorna ghax-xoghol, gie avzat li l-impieg tieghu mal-Kalaxlokk kien terminat u ta' dan qatt ma nghata raguni. Hu kien rega' ntbaghat jahdem mal-Gvern.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-Socjeta` Kalaxlokk Co. Ltd. li biha eccepiet:

Illi r-rikors sar kontra "The Chairman Kalaxlokk Construction Company Ltd." Lis-socjeta` intimata ma rrizultalhiex li qatt kienet tezisti xi kumpanija b' dan l-isem. Certament illum din il-kumpanija ma tezistix. Illi ghalhekk galadarba r-rikors tar-rikorrent sar kontra persuna li ma tezistix, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ghal kull buon fini tal-ligi u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal il-Kalaxlokk Company Limited eccepiet;

Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta` intimata stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997. Infatt l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta` intimata ma jinkwadrawx rwiehhom

fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Ir-rikorrent jallega li sofra ingustizzja billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

Il-paragarafu (a) infatti jitkellem dwar hatriet promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici. Skond l-artikolu 2 ta' l-Att in kwistjoni, "ufficjal pubbliku" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ma jistax ikun hemm dubju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku ghax hu stess jghid fir-rikors tieghu li "kien gie impjegat mad-dipartiment tax-xogholijiet pubblici bhala welder". Lanqas ma jista' jkun hemm dubju li r-rikorrent baqa' hekk impjegat anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta` intimata: il-fatt li r-rikorrent gie sekondat minn mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghal mal-Kalaxlokk Company Limited ma jfissirx li b'hekk ir-rikorrent sar impjegat ta' din il-kumpanija. Huwa ovvju li socjeta` kummercjali, anke jekk il-Gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha qatt ma tista' tkun f'posizzjoni li taghti trasferiment lill-ufficjal pubbliku u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht dan il-paragrafu.

Similment, l-ilment tar-rikorrent ma jistax jindkwadra ruhu taht il-paragrafu (b) ghax kif diga gie spjegat ikar 'il fuq ir-rikorrent qatt ma kien impjegat ta' Kalaxlokk Company Limited u ghalhekk qatt ma seta' jinghata transfer mis-socjeta` intimata.

Inghad ukoll li r-rikorrent qatt ma gie "trasferit" kif qed jallega. Dak li sehh kien li s-secondment tieghu ma' Kalaxlokk Company Limited gie terminat. Dan zgur li ma jistax jitqies bhala "trasferiment". Ghalhekk l-agir li lmenta minnu r-rikorrent zgur li ma jinkwadrax ruhu la taht paragrafu (a) u lanqas taht paragrafu (b) ta' l-imsemmi

artikolu ghax terminazzjoni ta' secondment ma hix kontemplata fl-ebda wiehed minn dawn iz-zewg paragrafi. Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkunsidra l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta` intimata u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent kontra s-socjeta` intimata ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal fil-mertu ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent.  Dan inghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

(a) Ir-rikorrent kien sempliciment sekondat ma' l-imsemmija socjeta`.  Min-natura tieghu stess, secondment huwa arrangament ta' natura temporanja li jirrifletti esigenzi partikolari ta' xoghol.  Secondment qatt ma huwa arrangament permanenti.  Ir-rikorrent kien jaf jew kien imissu jaf allura li Kalaxlokk Company Ltd. ma kellhiex bzonn is-servizzi tieghu permanentament u li kien ser jasal zmien meta kien ser imur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.  Ghalhekk ir-rikorrent ma setax jargumenta li t-tmiem tas-secondment tieghu minn ma' Kalaxlokk Company Ltd. jammonta ghal "trasferiment' u wisq anqas ghal "trasferiment ingust".

(b)  In kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrent li t-tmiem tas-secondment tieghu sar ghax obda direttiva tal-union, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak li qed jallega. Inoltre ghandu jigi rilevat li mill-1988 sal-lum il-haddiema involuti fil-progett tal-bini tal-freeport naqsu minn izjed minn elf u sitt mitt (1600) bniedem f'April ta' l-1987 ghal anqas minn hames mija (500).  Meta wiehed jiehu kont ta' dan il-fatt, l-allegazzjoni tar-rikorrent li s-secondment tieghu gie terminat minhabba li obda direttivi tal-Union zgur li ma tistax treggi.  Il-fatti juru l-verita` u l-verita` hi li l-kumpanija rrejalizzat li kellha workforce (bejn impjegati u haddiema sekondati maghha minn mal-Gvern) iktar milli kellha bzonn u ghalhekk iddeciediet li bil-mod il-mod tnaqqas il-workforce taghha skond il-htigijiet tax-xoghol.

(c) Ir-rikorrent ilmenta li ma nghata “l’ebda raguni” ghal “trasferiment” tieghu lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Qal ukoll li “hu dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar reqqa tant li qatt ma kien hemm rapporti hziena kontrieh…” Bir-rispett kollu, is-socjeta` intimata ssottomettiet li r-rikorrent qed jikkonfondi “secondment” ma’ “impjieg permanenti”. Ir-rikorrent ma fehemx li hu ma giex trasferit izda sempliciment spiccalu s-secondment tieghu ma’ Kalaxlokk Company Limited u li biex jigi tterminat secondment ma kienx hemmx bzonn “raguni valida” ghax min-natura tieghu stess secondment huwa temporanju. Hawnhekk ma kienux qed jitkellmu fuq terminazzjoni ta’ impieg permanenti izda fuq terminazzjoni ta’ secondment temporanju.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet deher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja meta s-secondment tieghu ma’ Kalaxlokk Company Limited gie terminat u ghalhekk it-talba tar-rikorrent kellha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsudra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li kien jahdem mal-Kalaxlokk bhala Works Technical Officer. Kien sar strike ordnat mill-General Workers Union, kontra l-vapuri nukleari. Spjega li meta mar ix-xoghol ma ffirmax id-dikjarazzjoni li hu ma kienx strajkja. Semma li jumejn wara hu rcieva karta d-dar li tinfurmah li kien ser jigi trasferit id-Dipartiment tax-Xogholijiet. Hu hass li dan it-trasferiment kien ingust u ma kienx gustifikat. Qal li meta kien il-Kalaxlokk kien baqa’ impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u li kien gie seconded mal-Kalaxlokk.

Xehed Edwin Mamo Administration Manager il-Kalaxlokk li qal li fl-1986 impjegati u nies sekondati mal-Kumpanija kien hemm elf disa' mija u ghaxra. Qal ukoll li f'Dicembru 1986 ittiehdet decizjoni u beda jitnaqqas in-numru tal-impjegati mal-Kumpanija. Zied ighid li fl-1992 it-total tal-impjegati kien nizel ghal seba' mija, fl-1998 nizel ghal erba' mija u tmenin, fl-1999 ghal erba' mija u sebghin u llum hemm mija u erbgha u tletin. Fl-ahhar nett semma li mar-rikorrent kienu spiccaw tnax-il persuna ohra u semma min kienu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi propju l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta` intimata gie sollevat li "r-rikors sar kontra "The Chairman Kalaxlokk Construction Company Ltd." Lis-socjeta` intimata ma rrizultalhiex li qatt kienet tezisti xi kumpanija b' dan l-isem. Certament illum din il-kumpanija ma tezistix. Illi ghalhekk galadarba r-rikors tar-rikorrent sar kontra persuna li ma tezistix, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."

Illi fid-19 ta' April 1999 it-Tribunal ivverbalizza li peress li hemm l-ewwel eccezzjoni hu opportun li r-rikorrent jirregola ruhu izda ma hassx li jkun prudenti li jaghti indikazzjonijiet ulterjuri. Illi qatt ma ntalbet il-korrezzjoni opportuna ghalkemm fir-risposta tas-socjeta` intimata jinghad car u tond li r-risposta hija tas-socjeta` Kalaxlokk Company Limited. Naturalment ir-rikorrent ma jistax jintavola rikors kontra socjeta` inezistenti u f' dan il-kaz ghalkemm it-Tribunal halla l-possibbilta` lir-rikorrent li ssir il-korrezzjoni bejn l-1997 u llum dan xorta wahda baqa' inadempjenti u ghalhekk it-Tribunal bil-fors ikollu jilqa' l-eccezzjoni sollevata u jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent.

-------------------------------TMIEM-------------------------------